Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,188, 10 ta' Novembru, 1995
Taqsima B

A.L. 159 ta' l-1995

ATT DWAR L-IMPIEG TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ (KAP. 210)

Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Impieg Part-time ta' Persuni b'Diżabilità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Impieg *Part-time* ta' Persuni b'Diżabilità. Titolu.

2. (1) Fil-kalkolu tan-numru ta' persuni fl-impieg ta' xi persuna li għaliha japplika l-artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, għandhom isehħu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:— Safejn japplika l-artikolu 15 tal-Kap. 210.

(a) persuna li l-impieg tagħha jkun ordinarjament jinvolvi inqas minn 10 sigħat servizz fil-ġimgħa ma għandhiex tingħadd;

(b) persuna li l-impieg tagħha jkun ordinarjament jinvolvi mhux inqas minn 10 sigħat iżda mhux iżjed minn 30 siegħa servizz fil-ġimgħa għandha tingħadd bħala nofs unità;

(ċ) persuna li l-impieg tagħha jkun ordinarjament jinvolvi iżjed minn 30 siegħa servizz fil-ġimgħa għandha tingħadd bħala unità waħda.

(2) Meta persuna tkun impjegata mill-istess prinċipal in parti fi klassi waħda ta' impieg u in parti fi klassi jew klassijiet oħra ta' impieg, f'dak il-każ, għall-fini tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament —

(a) in-numru ta' sigħat ta' servizz ordinarjament involuti fl-impieg tagħha minn dak il-prinċipal għandu jittieħed li jkun in-numru hekk involut fil-klassijiet kollha ta' l-impieg li hi tkun qed taħdem fihom; u

(b) jekk perċentaġġ differenti jkun f'xi żmien applikabbli għall-klassijiet diversi ta' impieg li hi tkun qed taħdem fihom, hi għandha titqies li tkun impjegata għall-ħin kollu f'dik il-klassi ta' impieg li għaliha japplika l-ogħla perċentaġġ.

Jirrevoka l-A.L. 58 ta' l-1969.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1969 dwar l-Impieg *Part-time* ta' Persuni Inkapaċitati, huma b'dawn revokati.